qalb li ġarrbet; u għalhekk din id-darba, bil-lsien ta' art twelidu u bil-ħsieb qawwi u sħiħ ta' rġulija, Dun Karm kien sebaq lilu nnifsu bħala poeta Malti ta' versi Taljani. Xeb-bah il-poeżija Taljana, li Dun Karm kien kiteb qabel sa dak iż-żmien u li baqa' jikteb 'l hawn u 'l hinn, ma' dik li ħarġet bil-Malti mill-pinna tiegħu mis-sena 1912, u inti tara illi għalkemm hija poeżija li tnisslet mill-ħeġġa poetika ta' qabel u redgħet minn ħalibha mhux ftit, din ta' l-aħħar ħarġet iżjed safja, iżjed mexxejja u naturali, ù xi mindaq-qiet iżjed qawwija u sħiħa fil-ħsieb u fil-kelma.

Fil-poeżija Maltija ta' Dun Karm insibu l-aqwa ġabra ta' għana Malti li bih il-letteratura Maltija setgħet tintrafa' mit-trabijiet u tiżżejjen għall-ewwel darba b'dija hekk sabiħa u tingħaqad ma' dik ta' ilsna oħra. B'hekk Dun Karm wettaq u kabbar il-ġieh tal-poeżija Maltija meta ta' dan il-ġieh kellna biss l-ewwel ħjiel fil-poeżija ta' Richard Taylor, ta' Dun Dovik Mifsud Tommasi, ta' Klement Mifsud Bonnici, ta' S. Frendo de' Mannarino, ta' Ġio Anton Vassallo, ta' Dwardu Cachia u ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Mat-twelid tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", fl-1921, meta Dun Karm kien ilu magħruf bħala wieħed mill-aqwa kittieba tal-lsien Malti—Għaqda li nibtet fejn inħoloq "Il-Ħabib"—l-uniku ġurnal ta' dik il-ħabta magħmul bil-ħsieb li jwettaq il-kitba tajba tal-Malti fuq sisien grammatikali u letterarju, ġurnal li fih Dun Karm kien ħawwel l-ewwel xitliet li tawna l-isbaħ ward Malti,—naraw li isem Dun Karm kien maħżuż fost dawk ta' l-ewwel nies li bil-ħidma tagħhom twaqqfet sistema ta' kitba Maltija li 'l quddiem kellha tiftaħ it-trieq għas-seħħ tat-tagħlim tal-Malti u għall-użu tiegħu akkademiku u amministrattiv.

Mhix ħaġa kbira għalhekk li wara l-mewt tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm kien magħżul bħala President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u Direttur tar-rivista letterarja "Il-Malti".

Hekk nafu lil Dun Karm fil-ħidma tiegħu letterarja minn madwar ħamsin sena 'l hawn—żmien li mal-għoxrin sena ta' qabel li fihom il-ħsieb tiegħu, ċkejken u żagħżugħ, trabba u tħarreġ għall-ħidma sħiħa u wtieqa ta' rġulitu—igħaqqdu s-sensiela ta' snin ta' ħajja ta' l-akbar ġieh letterarju, ħajja li nixtiqulha kull saħħa u riżq għall-ġid ta' Art Twelidna.

A. Cremona.

# LIL ĠUŻE CHETCUTI

## XEWQAT GĦALL-MILIED TA' L-1941

Ħabib,

Fi żmien ta' gwerra ħarxa  
X'nibda nixtieqlek jien?  
Ħarist, ħarist madwari,  
L-hena ma sibtu mkien.

L-għanja ferrieħa mietet  
Fir-raba', ġo l-ibliet.  
Fejn dari tisma' daħka,  
Illum tnehid jew skiet.

B'dan kollu, jien nixtieqlek  
L-hena ta' ruħ qawwija  
Li tifhem sew x'ifisser  
Alla magħmul tarbija,

Li beda minn Twelidu  
Iħallas għall-ħatjin,  
U ried li l-anġli jħabbru  
Il-Paċi lill-bnedmin.

Dun Karm

25 / XII / '41